MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2005

Appell Kriminali Numru. 37/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**George Cassar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana, tal-Kummissarju tal-VAT kif ukoll tad-Direttur Generali tad-Divizjoni ghall-Kummerc kontra George Cassar talli:

1) Fit-28 ta’ Mejju, 2001 u fix-xhur ta’ qabel din id-data f’dawn il-Gzejjer u f’garaxx sitwat fi triq Isouard Marsa, xjentement kellu fil-pussess tieghu u/jew taht il-kontroll tieghu sigaretti bla dazju fi kwantita` kif jidher hawn that:

183 kartuna b’200 sigarett kull kartuna tal-marka ‘Rothman’s blue’, valur Lm457.50, dazju tas-sisa Lm1198.65;

2) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement kellu x’jaqsam filli b’xi mod iddispona kontra l-ligi minn sigaretti ta’ din ix-xorta, fi kwantita` kif jidher hawn taht u dan bil-hsieb illi bil-qerq seta’ jahrab milli jhallas id-dazju u/jew xorta ta’ taxxa ohra dovuta fuq dawn is-sigaretti, ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta u cioe`:

sbatax-il (17) kartuna b’200 sigarett kull kartuna tal-marka ‘Rothman’s blue’, valur Lm42.50, dazju tas-sisa Lm113.35;

Dawn is-sigaretti li l-importazzjoni u l-pussess taghhom huma pprojbiti u/jew ristretti u/jew limitati, ghandhom valur totali ta' Lm500 u dazju tas-sisa dovut ta' Lm1312 fuq liema dazju tas-sisa kellha tithallas taxxa fuq il-valur mizjud, liema taxxa tammonta ghal Lm271.80 u taxxa imposta (levy) ta' Lm238.62, liema dazju tas-sisa, taxxa fuq il-valur mizjud kif ukoll taxxa imposta (levy) ma gewx imhallsa jew kawtelati skond il-ligi;

3) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser il-kundizzjonijiet tal-probation (section 9) li giet imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-18 ta’ Mejju 2000;

4) Sar recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9.

Il-Qorti get mitluba sabiex barra li tapplika l-piena skond il-ligi tiddikjara li terz tal-piena ta' flus jitqies dejn civili bl-istess mod bhallikieku inghatat sentenza f'azzjoni civili maghmula bejn il-Gvern u l-hati;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta’ Frar 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi George Cassar hati ta' l-imputazzjoni dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghall-hlas ta’ multa ta' Lm2822.42 oltre erbat (4) ijiem prigunerija b'dan li l-multa tithallas permezz ta' pagamenti

mensili ta' Lm150 fl-ahhar ta' kull xahar ghal tmintax-il xahar u rata ta' Lm122.42 fl-ahhar xahar;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi George Cassar pprezentat fil-21 ta’ Frar 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tikkonferma l-htija tar-reati skond is-sentenza appellata, izda tvarja l-piena ghal wahda aktar ekwa w gusta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan l-appell huwa limitat ghall-piena nflitta mill-ewwel Qorti. Jirrizulta mill-atti li fis-seduta ta' l-1 ta' Dicembru 2004 quddiem l-ewwel Qorti l-appellant (allura imputat) irregistra ammissjoni ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu. Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti naqset milli taghti kunsiderazzjoni xierqa ghal dak li huwa jsejjah "l-ammissjoni bikrija" tieghu meta giet biex tinfliggi l-piena u semmiet l-ammissjoni tieghu biss bhala fatt li jgib il-htija ta' l-appellant. Ighid ukoll li huwa kkoopera mal-Pulizija fl-investigazzjoni taghhom.

Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabbilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat. Barra minn hekk ammissjoni bikrija mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f'riduzzjoni fil-piena.

Fil-kaz in ezami ma jistax jinghad li l-ammissjoni ta' l-appellant kienet xi wahda bikrija. L-ewwel seduta li ghaliha jirrizulta li deher l-appellant kienet fit-13 ta' Marzu 2003 meta nbdew jinstemghu l-provi tal-prosekuzzjoni. Fit-8 ta' Jannar 2004 kien ghad jonqos li jixhed xhud wiehed tal-prosekuzzjoni, l-Ispettur Carmelo Bartolo. Saru zewg seduti ohra inutilment fil-25 ta' Marzu 2004 u fl-10 ta' Gunju 2004 u l-kawza mbaghad giet assenjata lill-istess Qorti diversament presjeduta. Fis-seduta ta' l-1 ta' Dicembru 2004, cioe` fl-ewwel seduta quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif diversament presjeduta, l-appellant ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu. Jigifieri l-appellant ammetta kwazi sena' u disa' xhur wara li kienu nbdew il-proceduri kontra tieghu u wara li kienu xehdu x-xiehda kollha tal-prosekuzzjoni hlief wiehed. Mela bla dubbju ta' xejn l-ammissjoni ta' l-appellant <u>ma kinitx</u> wahda bikrija.

Kwantu ghall-piena, din certament mhijiex eccessiva anzi hija sew taht il-*minimum* stabbilit mil-ligi. L-appellant instab hati mhux biss ghall-ksur tal-ligijiet dwar id-dazju tas-sisa u t-taxxa fuq il-valur mizjud, izda sahansitra talli kiser il-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal zmien tmintax-il xahar mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta' Mejju 2000 fejn kien instab hati ta' serq ta' karru ta' dghajsa, liema serq kien ikkwalifikat bil-valur, hin u mezz - fejn allura l-piena hija minn seba' xhur sa erba' snin u ma tinghatax fil-*minimum* taghha - kif ukoll talli sar recidiv in vista ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta' Gunju 1997 fejn kien inghata sentenza ta' sena prigunerija sospiza ghal sentejn in konnessjoni ma' reati simili u in vista ta' sentenza ohra tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta' Novembru 2000 fejn kien gie kkundannat ghall-hlas ta' multa ta' Lm100 in konnessjoni ma' ksur tal-ligi dwar it-telekomunikazzjoni.

Apparti dan kollu, jirrizulta mill-fedina penali aggornata ta' l-appellant li fil-5 ta' Settembru 2002 ghal darb'ohra nghata *conditional discharge* in konnessjoni mar-reat ta' ricettazzjoni kommess fis-6 ta' Marzu 2002 (mela wara l-kaz odjern), fit-3 ta' Lulju 2003 gie kkundannat ihallas

Lm175 ghal ksur tal-ligi tal-VAT fid-19 ta' Frar 2001, u fit-2 ta' Awissu 2004 gie kkundannat sena prigunerija sospiza ghal sentejn u multa ta' Lm7000 in konnessjoni ma' ksur tal-ligi tad-dazju u ma' reati ta' qerq fil-kummerc u fl-industriji - dawn kollha b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta).

Fid-dawl tas-suespost ghalhekk din il-Qorti tqis l-ilmenti ta' l-appellant bhala nfondati u li jirrazentaw il-fieragh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------